MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 1189/2010

***Vodafone Malta Limited
Vs
Suzanne Aljadi gia' Pace***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li biha talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' tmien mija u sitta u tmenin Ewro u sebghin centezmu (€ 886.70), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda dan baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sa' llum.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Illi fis-seduta ta’ nhar it-Tnejn 4 ta’ Frar, 2011, dehret il-konvenuta quddiem dan it-Tribunal u ammettiet li l-ammont kien ghadu dovut.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Is-socjeta’ attrici qiedgha titlob ammont dovut ghall-hlas ta’ servizzi rezi minnha skond ftehim li kien sar bejnha u l-konvenuta, ammont li l-konvenuta tammetti li ghandha thallas.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ tmien mija u sitta u tmenin Ewro u sebghin centezmu (€886.70), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenuta abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------